MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2008

Avviz Numru. 25/2005

**FAST Limited**

**Vs**

**Mario Spiteri**

## Il-Qorti:-

Rat illi s-socjeta attrici pprezentat avviz fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar l-erbatax (14) ta’ Jannar 2005 fejn qed titlob lil Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta’ LM1,900 rapprezentanti l-prezz ta’ kcina mibnija u kkonsenjata lilu fuq rikjesta u inkarigu tas-socjeta attrici.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra nterpellatorja tal-ghoxrin (20) ta’ Settembru 2004 u tal-Mandat ta’ Sekwestru numru 121/05 ipprezentat kontestwalment u bl-imghaxijiet legali relattivi ikkalkolati b’effett mid-data tal-biegh sal-pagament effettiv.
Il-konvenut kien ingunt in subizzjoni.

Rat in-nota t'eccezzjonijiet tal-konvenut Mario Spiteri fejn eccepixxa bir-rispett is-segwenti:-

1. Illi t-talba attrici kienet intempestiva peress illi x-xoghol li kellha tesegwixxi, ma kienx ghadu lest.
2. Illi t-talba tad-ditta attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li x-xoghol ma giex esegwit skond is-sengha w l-arti.
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Illi nhar it-tnejn (2) ta' Novembru 2005 xehed il-konvent **Mario Spiteri** u qal li l-kcina li kien xtara ma kienitx giet kollha konsenjata lilu mis-socjeta attrici u kien ghad fadal xi partijiet minnha li jigu konsenjati. Spjega li kien jonqos il-*cushions* fejn jahbtu l-bibien biex dawn ma jghamlux hoss. Huwa esebixxa bhala Dok. MS, il-lista tal-ghamara li kellha tforni s-socjeta attrici. Qal li s-socjeta attrici m'ghamlitx x-xoghol sewwa konsistenti f'difett fl-i*spray* fuq il-bibien tal-*cupboards* tal-kcina, konsistenti f'hafna tikek u l-bieb ta' barra, l-*main door*, huwa mibrum.

Spjega li huwa semma il-*main door* ghalkemm is-socjeta attrici ma kienitx qed titlob hlas tieghu. Qal illi huwa qatt ma kien hallas b'mod separat ghal *main door* jew ghal *vanity unit*. Huwa kull ma hallas kien deposit ta' LM570 meta ffirma l-kuntratt, li kopja tieghu giet esebita. Anzi jghid li huwa kien ghamel depozitu ta' tlett mitt lira Maltin (LM300).

Huwa spjega d-dokument minnu esebit u markat bhala Dok. MS u stqarr li kien xtara l-*main door* ghall-prezz ta' LM195, *vanity unit* bil-prezz ta' LM100 u l-kcina kollha bil-prezz ta' (LM1,380) w imbaghad kien ordna *vanity unit* iehor ghall-prezz ta' LM570. Qal li l-kuntratt kien ghamlu mad-Direttur tas-socjeta attrici w iffirmah certu Lawrence, li kien id-Direttur taghha. Qal wkoll li s-socjeta kien jisimha 'Ultralux Furniture'.

Jghid ukoll li appena l-kcina giet konsenjata, huwa kien indika d-difetti u kien qalilhom li una volta jirrangaw dawn id-difetti, huwa kien lest li jhallas ta' kollox. Huwa

mbaghad kien ha zewg bibien tal-*cupboards* u gabhom lura kif kienu u offrielu li jekk ried seta johodlu l-kcina lura.

Illi f'din l-istess seduta tat-tnejn (2) ta'Novembru 2005 il-Qorti diversament preseduta, kienet innominat lill-Espert Tekniku Vincent Ciliberti sabiex jikkonstata d-difetti o meno msemijja fid-deposizjoni tal-konvenut.

Illi nhar is-sitta w ghoxrin (26) ta' April 2006 l-konvenut Mario Spiteri pprezenta fl-atti, ai termini ta' l-Artikolu 563 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili, rapport peritali *ex parte* redatt minn Patrick Bartolo.

Minn ezami ta' dan ir-rapport jirrizulta li dan Patrick Bartolo, li ghandu esperjenza kbira fl-industrija ta' l-ghamara, kien tal-fehma li x-xoghol li sar fuq il-kcina tal-konvenut kienet ta' kwalita hazina u dan ghar-ragunijiet imsemmija minnu fir-rapport a fol. 19 tal-atti.

Illi nhar is-sittax (16) ta' Ottubru 2007 il-**Perit Tekniku Vincent Ciliberti** pprezenta u kkonferma r-relazzjoni tieghu li giet markata hala Dok. BC.

Illi dan l-espert ikkonkluda li fil-fehma tieghu, l-ammont mitlub mis-socjeta attrici huwa dovut pero ghandhom jigu rektifikati l-kummenti ta' dawk il-bibien li l-*polish* taghhom mhux ghal livell rikjest skond is-sengha w l-arti.

Illi nhar il-hamsa w ghoxrin (25) ta' Jannar 2006 xehed **Lawrence Galea,** Direttur tas-socjeta attrici. Huwa kkonferma li l-konvenut huwa habib tieghu u kien hu li ha l-ordni tal-kcina in kwistjoni. Qal illi dak li jitolbu fl-avviz huwa l-prezz tal-kcina. Ikkonferma li huwa kien kkonsenja l-kcina kollha kif kienet giet ordnata u qal li ma kien hemm l-ebda ftehim fuq *cushions* u li fil-fatt huma qatt ma jaghmlu *cushions* mal-bibien.

Jiftakar li meta kien ikkonsenja l-kcina ghand il-konvenut, dan kien tah il-prosit u fil-fatt deher sodisfatt. Kien biss tlett gimghat wara li ghamel l-ilment tieghu, meta kien cempillu. Qal li kien acceda fuq il-post w innota li l-bibien kellhom jigu nvellati. Jghid li kien hemm kexxun li l-

konvenut ilmenta dwaru w ghalhekk bidluh, izda wara ma jidhirx li kien hemm x'ilmenti ohra.

Qal li xahar wara li l-kcina kienet giet installata, l-konvenut kien mar fil-hanut tieghu u tkellmu dwar kif kellu jsir il-hlas u jghid li l-konvenut wieghed li kien ser ihallsu, izda dan nonostante baqa' ma hallsux.  Qalli li kien ser ihallsu missieru u difetti fix-xoghol qatt ma kien semmielu.

Huwa jghid li l-prezz tal-kcina kien LM2,195 u l-konvenut kien hallas minnha depozitu ta' LM300 u li huwa gharaf il-firma tieghu fuq id-dokument esebit fl-atti u markat bhala Dok. MS 1.

Mistoqsi jekk l-konvenut ilmentax mieghu fuq xi tikek ta' *spray* fl-erba' gimghat li damu jitkellmu fuq kif kellu isir il-hlas tal-kcina, huwa jwiegeb fin-negattiv u zied jghid li l-konvenut ma kien qallu xejn.  Qal illi meta kien mar biex jinvella l-bibien u gabar il-kexxun sabiex ibidlu ghaliex kellu xi *spray* imcarcar, mieghu kellu lil Jason Ancillieri. Mistoqsi jekk l-konvenut qallux xi haga dwar xi tpacija ma missieru, huwa wkoll wiegeb fin-negattiv u jghid li ma kien sema xejn dwar dan.

**James Ancillieri**, mastrudaxxa mas-socjeta attrici, xehed nhar it-tlieta (3) ta' Frar 2006 w ikkonferma li huwa kien installa l-kcina ghand il-konvenut.  Mistoqsi jekk il-konvenut kienx hemm meta kienu marru bil-kcina, huwa jghid li kien il-konvenut li fethilhom izda ma jiftakarx jekk kienx baqa' hemm.  Jghid li jiftakar li kien mar f'okkazjoni ohra ghand il-konvenut sabiex jirrangaw xi kexxun u kienu staqsew lill-konvenut jekk kellux x'ilmenti ohra, izda dan kien wegibhom billi qalilhom li problemi ohra ma kienx hemm.

Jiftakar li meta kien mar lura bil-kexxun, wara li kien hadem fuqu, u talbu, fil-presenza ta' l-gharusa tieghu, sabiex idur il-kcina u jara jekk kienx hemm x'ilmenti ohra, dan kien darha u qalilhom li lmenti ohra ma kellux.  Dan il-hin ghaddielu l-kont u dan qallu li kien ser ihallasulu missieru, ghaliex fil-fatt missieru kien tah il-kcina bhala rigal w ghalhekk kien ha l-kont lura.  Huwa kien irritorna

lura lejn ix-xoghol u kien qalilhom dak li kien qallu l-konvenut.

In kontr'ezami jghid li huwa ma kienx prezenti meta is-Sur Stephen kien tkellem ma Lawrence Galea fuq l-ordni ghaliex huwa kien involut biss fil-fabbrikazzjoni tal-kcina w in effetti kien l-istess Sur Galea li kien indikalu x'kellu isir fil-kcina. Ikkonferma wkoll li fil-presenza tieghu hadd qatt ma semmielu *cushions* jew *dampers* ta' mal-bibien.

Mistoqsi jispjega l-process tal-i*spray*, huwa wiegeb li ma kellu x'jaqsam xejn ma dan il-process u li lanqas min kien l-i*sprayer* ma jaf. Ikkonferma li l-i*spray* isir fil-istess fabbrika, izda f'sezzjoni differenti.

**Mario Spiteri** l-konvenut xehed nhar it-tmienja w ghoxrin (28) ta' Frar 2006 w ikkonferma li kien hu li kien ghamel l-ordni ma Lawrence Galea skond id-Dok. MS 1.

Qal li kien gie muri kampjun dwar kif kellu isir iz-zebgha tal-i*spray gloss* u fil-fehma tieghu dan il-kampjun kien difettuz ghaliex kellu ammont ta' tikek fuqu preo ma kien qallu xejn, ghaliex ghalih l-iskop tal-kampjun kien biex jigi stabilit il-lewn. Qal li kien tkellmu fuq il-kuxxinetti li jaghlqu l-bibien u qallu li bhalissa ma kellux u kien qed jistennihom jigu minn barra pero wrih kampjun taghhom li kienu suwed bil-molla. Kien urieh ukoll ir-*rails* tal-kxaxen w ikkonferma li kien wahhal dawk li kienu qablu fuqhom pero dwar il-kuxinetti dan baqa' ma wahhal xejn.
Jghid li huwa mar ghand il-mastrudaxxa darba biss meta kienet qed tinhadem il-kcina biex jittiehdu xi qisien, pero waqt li kien qed isir l-i*spray* qatt ma kien mar.

Jispjega u jghid li jum minnhom kienu gabu l-kcina u l-ghada marru jarmawha pero dwar il-bieb tal-flat ighid li kienu marru jarmawh qabel. Sussegwentement il-kcina intramat u bdew hergin id-difetti li kienu jikkonsistu fis-segwenti:-

Ghall-ewwel is-socjeta attrici bdiet tirrifjuta li tinstalla l-*appliances*, ghalkemm finalment wahlithom u dan wara li kien jiggieled mas-socjeta.

Kien hemm ghafsa kbira fl-wicc tal-kexxun w ghalhekk gie moghti kexxun iehor minghajr ghafsa.

Qal li kien ilmenta fuq l-kwalita tal-i*spray* u anke fuq it-trufijiet tal-bibien tal-kxaxen, u fil-fatt ighid li kienu qalulu li kienu ser jibbaffjhom pero qal li spicca ma marx.

Ikkonferma li dakinhar li giet installata l-kcina kien gie mitlub sabiex ihallas taghha izda dan nonnostante baqa' ma thallasx. Ikkonferma li huwa minnu li kien ghamel depozitu ta' LM300 permezz ta' *cheque* mahrug mill-Bank HSBC meta ghamel l-ordni u dan fuq tabla tas-Sur Galea sabiex jixtri l-materjal.

**George Spiteri** xehed nhar it-tletin (30) ta' Marzu 2006 u qal li huwa jigi missier l-konvenut. Qal li jaf li ibnu kien ordna kcina minghand is-socjeta attrici u li l-istess kcina kellha tigi nstallata f'jum partikolari, izda kienu marru l-ghada. Jghid li ibnu kien qallu li l-mastrudaxxa li nstalla l-kcina, kien qed jitolbu l-hlas taghha meta skond ibnu kienu ghadhom mhux lesti. Qal li kien qal lil ibnu sabiex isir tpacija bejn dak li kellu jiehu hu minghand is-socjeta attrici u dak li kellu jaghti ibnu lilha. Jaf li ibnu mar ikellem lil dan Lawrence u wara xi siegha dan cempillu u qallu li ibnu ma kellu x'jaqsam xejn mas-socjeta G. Spiteri & Sons li kellha tiehu minghand is-socjeta attrici. Huwa dak il-hin qallu li ibnu l-konvenut wkoll jifforma parti minn din is-socjeta G. Spiteri & Sons. Jghid li fi ftehim ma waslux w ikkonferma li bejn is-socjetajiet rispettivi ma kienx hemm qbil dwar il-bilanci dovuti u li kien hemm proceduri separati dwar dan.

Ikkonferma li l-kcina ra u d-difetti rahom ukoll pero ma kienx prezenti meta giet installata.

**Patrick Bartolo** xehed nhar it-tmintax (18) t'Ottubru 2006 w ikkonferma r-rapport imhejji minnu esebit fl-atti u markat bhala Dok. PB 1. Qal illi huwa jokkupa l-kariga ta' *manager* f'azienda tal-injam u li l-konvenut jafu fuq xoghol. Jikkonferma li ra l-kcina 'n kwistjoni fil-proprjeta tal-konvenut. Meta gie suggerit lilu li l-prezz taghha kien ta'

LM1,900, huwa jsostni li dan kien pezz gust ghal kcina bhal dik ordnata minghajr difetti. Ikkonferma li d-difetti li huma elenkati fir-rapport tieghu, huma difetti li jistghu jigu rrangati. Rigward il-prezz biex jirrangaw id-difetti ighid li huwa difficli li jinghata prezz pero jghid li jkun ahjar li jsir tibdil fil-bibien difettuzi, milli jigu rrangati. Fil-fatt ighid li kien hemm uhud mill-bibien li kienu diffetuzi u mhux kollha w l-akbar difett, kien fil-kumenti ta’ xi whud mill-bibien.

Ikkunsidrat:-

Illi mill-provi prodotti jirrizulta minghajr tlaqliq li l-kcina li giet ordnata mill-konvenut u konsenjata lilu mis-socjeta attrici ghandha numru ta’ difetti konsistenti fl-i*spray* ta’ whud mill-bibien, li fil-fehma ta’ Patrick Bartolo ikun ahjar jekk dawn il-bibien jinbidlu.

Illi l-espert nominat mill-Qorti, Vincent Ciliberti wkoll jikkonferma li kien hemm difetti fil-bibien tal-kcina. Illi pero bi sfortuna la l-perit tekniku nominat mill-Qorti u lanqas l-espert *ex parte*, prodott mill-konvenut m’indika x’kien il-valur tal-hsara li kien hemm. Jirrizulta biss u dan ma giex kontestat li ghandhom jinbidlu xi bibien – dawk li ghandhom l-i*spray* mhux skond is-sengha w l-arti.

Illi jirrizulta wkoll li mill-prezz tal-kcina u cioe LM1,900 l-konvenut diga hallas is-somma ta’ LM300 bhala depozitu w ghalhekk illum, il-bilanc restanti huwa ta’ LM1,600.

**Ghaldaqstant il-Qorti filwaqt li qieghda tilqa it-talba attrici li tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici is-somma ridotta ta’ LM1,600 ekwivalenti ghal tlett elef sebgha mija u hamsa w ghoxrin (3725) Euro u dan wara li l-istess socjeta tbiddel dawk il-bibien li ghandhom l-i*spray* mhux skond is-sengha w l-arti, u qieghda tichad in toto l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u tilqa it-tieni eccezzjoni tieghu fis-sens li vera kien hemm xi xoghol li ma sarx skond is-sengha w l-arti, izda f’parti zghira tal-kcina.**

**Bl-ispejjes tal-kawza ghandhom jigu sopportati 'n kwantu ghal hamsa minn sitta mill-konvenut u wahda minn sitta mill-attur.   Bl-imghax skond il-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------